**23 ta' Jannar, 1958.**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

**Paolo Abela**

***versus***

**Antonio Bonnici et. ne.**

**Danni — Responsabbiltà Indiretta — Missier — Minuri — Provi — Dokumenti — Kopja ta' Sentenza Kriminali f'Kawża Ċivili — Solidarjetà — Art. 1093 u 1077 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Fil-liġi ma jidherx li hemm xejn kuntrarju ghall-eżibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza moghtija minn Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; jekk, mbghad, id-dokument eżibit, minhabba l-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, jistghax jaghmel prova jew le, din hi kwistjoni ohra; u anki jekk ma jaghmelx prova, l-irrilevanza tieghu mhix raġuni b'ex jiġi sfilzat mill-proċess.*

***Meta jirriżulta li diversi persuni hadu parti f'ghemil li kkaġuna***

*ħsara, mingħajr ma tista' tiġi stabbilita l-parti tal-ħsara ta' kull wieħed minnhom, għandhom jiġu mżmuma responsabbli ta' dik il-ħsara dawk kollha li ħadu parti fiha; u jekk fost dawk il-persuni hemm xi minuri, għall-ħsara impuiabbli lil dawk il-minuri huwa responsabbli l-missier tagħhom, jekk hu ma jippruvax li ħa l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt li kkaġuna l-ħsara ma jiġrix.*

*Għalkemm il-liġi, fil-każ li diversi jkunu d-danneġġjanti, tagħti lid-danneġġjat id-dritt li jaġixxi għad-danni kontra wieħed minnhom biss, dan ma jfisserx, illi, jekk hu jaġixxi kontra tagħhom kollha, il-kundanna għandha tkun ta' kull wieħed minnhom ratealment, u mhux solidalment. Il-kundanna għandha tkun solidali; għaliex il-fakoltà mogħtija lill-Qorti li tqassam fuq kull wieħed mid-danneġġjanti l-ħlas tal-ħsara skond iċ-ċirkustanzi tirrigwarda biss ir-rapporti nterni bejn dawn, imma qatt ir-relazzjoni bejn id-danneġġjanti u l-persuna li sofriet il-ħsara.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-minuri Richard Bonnici, Manwel Pisani, Charles Azzopardi u Victor Azzopardi, kienu qegħdin jitfgħu xi ġebel f'Battery Street, Valletta, laqtu u kissru ħġieġa tal-antiporta tad-dar tal-attur, u għal dan huma responsabbli anki missierijiethom, skond il-liġi; talab li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabbli għad-danni li mħabba l-fatti premessi sofra l-attur, billi jiġu solidalment kundannati jħallsu lill-istess attur id-danni li jiġu likwidati minn din il-Qorti, konsistenti fil-valur tal-ħġieġa u fl-ispejjeż meħtieġa biex tiġi kollokata fil-post. Bl-interessi legali, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta (1) illi l-ħsara ġiet kaġunata biss minn wieħed mill-konvenuti minuri, ċjoè Richard Bonnici, (2) illi l-ħsara tammonta għal £13, u (3) illi l-konvenut Antonio

Bonnici, missier Richard, huwa responsabbli għall-ħsara kaġunata minn ibnu;

Illi, dwar l-isfilz tad-dokument fol. 5. ma jidherx fil-liġi li hemm xejn kuntrarju għall-eżibizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti (ara sentenza ta' din il-Qorti in re "Camilleri vs. Galea", mogħtija fl-ewwel ta' Diċembru 1955, u l-awtoritajiet hemm ċitati); jekk mbgħad id-dokument eżibit, minħabba l-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, jistgħax jagħmel prova jew le, din hi kwistjoni oħra; u jekk anki ma jagħmelx prova, l-irrilevanza tiegħu mhix raġuni biex jiġi sfilzat mill-proċess. Għalhekk l-insistenza tal-attur mhix f'lokha;

Illi, fil-meritu, għad li l-attur irrimetta ruħu għar-rapport, mhux hekk il-konvenut Antonio Bonnici, prinċipalment fl-ewwel u fit-tielet konklużjoni raġġunti mill-perit;

Illi fl-ewwel konklużjoni tiegħu l-perit issottometta illi l-ħsara ġiet kaġunata mit-tifel tal-imsemmi Bonnici biss; iżda l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-riżultanzi proċesswali, tippropendi biex tirritjeni li din il-prova ma ġietx adegwatament raġġunta, kif jidher miċ-ċirkustanzi li sejrin jissemmew:—

*Omissis;*

Illi minn dan jidher li mhux attendibbli dak li xehed it-tifel Riccardo Bonnici (fol. 25 u 26), li ċjoè tefgħu l-ġebel flimkien, u malli ntefgħu semgħu l-ħġieġ jinkiser; dak li huwa però ċert mill-provi huwa li Victor Azzopardi, dak il-ħin, ma setgħax jikkonkorri fil-ksur tal-ħġieġa, għaliex, sew jekk huwa dak il-ħin kien imdendel mal-gallarija (fol. 26), sew jekk kien ħdejn il-gallarija, huwa kien qiegħed jitfa' l-ġebel lejn l-għadira, jiġifieri għal ġewwa u f'direzzjoni opposta għall-gallarija (fol. 20, 21 u 24). Konsegwentement, huwa ma għandux jipparteċipa mal-oħrajn dwar ir-responsabbiltà tal-ħsara;

Illi minn hawn tinżel il-konsegwenza li t-tielet kon-

klużjoni tal-perit ma tistgħax treġi għal kollox, u li anzi għandhom jiġu miżmuma responsabbli l-konvenuti kollha barra Victor Azzopardi, billi l-parti mill-ħsara ta' kull wieħed minnhom ma tistgħax tiġi stabbilita (art. 1093 Kod. Ċivili);

F'dan ir-rigward, il-konvenut Bonnici sottometta illi l-art. 1077 tal-istess Kodiċi mhux applikabbli għalieh, billi huwa "ħa ħsieb ta' miżsier tajjeb ta' familja biex il-fatt ma jiġrix". Din il-pretensjoni, però, mhix sostnuta mill-provi; għaliex, skond ma xehed huwa stess (fol. 53 u 53 tergo), it-tifel Riccardo, li allura kellu għaxar snin (fol. 24), ħalla lill-missieru almenu fl-10.30 a.m., u qabel it-12.30 jew 12.45 p.m. ma rritornax. Veru li missieru fittxu fi Trieq Sant'Ursula, fejn jirrisjedi, iżda ma marx ifittċu la fil-kamra in kwistjoni, bogħod xi sebgħejn pass mid-dar, u lanqas il-Barrakka ta' Fuq, fejn kien soltu jmur; u dan in-nuqqas jidher iżjed meta wieħed jiftakar illi f'xi l-10.30 a.m. huwa kellu jieħu t-tifel biex jaqla' darsa;

Illi, inoltre, l-istess konvenut Bonnici jippretendi li, fi kwalunkwe każ, ir-responsabbiltà tal-ħsara ma tistgħax tkun solidali, billi l-art. 1093 jitkellem biss li jista' jitlob il-ħsara kollha, u ladarba l-attur ħarrek mhux lill-konvenut Bonnici biss, imma anki lil dawk l-oħra li ħadu sehem fil-ħsara, kull wieħed minnhom hu tenut ratealment, u mhux "in solidum". Din l-obbjezzjoni tinsab eskluża mill-istess art. 1093 fuq ċitat, li jipprospetta l-każ li l-kawża tkun saret kontra wieħed biss mid-danneġġjanti, u li mbgħad l-oħrajn jiġu msejħin fil-kawża (u allura jkunu fil-pożizzjoni ta' veri konvenuti), u jiddisponi li dan jsir "bla preġudizzju dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-ħsara illi jitlob il-ħlas tas-somma kollha minn għand kull min irid minnhom, u dawn lejh għandhom ilkoll jiġu kundannati "in solidum". Il-fakoltà mogħtija lill-Qorti li tqassam fuq kull wieħed mid-danneġġjanti l-ħlas tal-ħsara skond iċ-ċirkustanzi tirrigwarda biss ir-rapporti nterni bejn l-istess danneġġjanti, imma qatt ir-relazzjonijiet bejn dawn u l-persuna li tkun sofriet il-ħsara. F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. Vol. XV, 135; XXVI-I-309; XXXII-II-253);

Illi, kwantu għall-likwidazzjoni tal-ħsara magħmula mill-perit . . . . . . .;

Għal dawn il-motivi;

Previa konferma tar-relazzjoni peritali safejn mhix inkompatibbli mal-konsiderandi ta' din is-sentenza;

Tiċħad it-talba tal-attur għall-isfilz tad-dokument fol. 5, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tillibera mid-domandi lill-konvenut Peter Azzopardi, bħala rappreżentant leġittimu ta' ibnu minuri Victor;

U tilqa' l-istess domandi fir-rigward tal-konvenuti l-oħra proprio et nomine, billi tikkundannahom iħallsu, "in solidum", lill-attur is-somma ta' £13, bl-imgħax legali mil-lum, u l-ispejjeż ta' din il-kawża, barra dawk ġa provvduti fuq, anki "in solidum";